

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## **Ħatra tal-Avukat Ġenerali Ewlieni**

(2017/C 412/02)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ħatret, fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' Settembru 2017, lil M. Wathelet bħala l-Avukat Ġenerali Ewlieni għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2017 sas-6 ta' Ottubru 2018.

---

## **Għażla tal-Awla inkarigata mill-kawżi previsti fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja**

(2017/C 412/03)

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' Settembru 2017, għażlet, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2017 sas-6 ta' Ottubru 2018, lill-Ewwel Awla sabiex, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regoli tal-Proċedura, tkun l-awla inkarigata mill-kawżi previsti fl-Artikolu 107 ta' dawn ir-regoli.

---

## **Għażla tal-Awla inkarigata mill-kawżi previsti fl-Artikolu 193 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja**

(2017/C 412/04)

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' Settembru 2017, għażlet, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2017 sas-6 ta' Ottubru 2018 lit-Tieni Awla sabiex, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regoli tal-Proċedura, tkun l-awla inkarigata mill-kawżi previsti fl-Artikolu 193 ta' dawn ir-regoli.

---

## **Deċiżjonijiet adottati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-laqgħa ġenerali tagħha tat-3 ta' Ottubru 2017**

(2017/C 412/05)

## **Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli komposti minn tliet Imħallfin**

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-laqgħa ġenerali tagħha tat-3 ta' Ottubru 2017, li tassinja l-Imħallfin għall-awli komposti minn tliet Imħallfin bil-mod li ġej: